# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 2/2024

22 ta' Frar, 2024

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-4:00pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

**2.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Sindku qal li l-Kunsilliera Joanna Abdilla kienet ser tidħol aktar tard għal laqgħa. Hija ġiet skużata.

**2.4 Rapporti**

**Approvazzjoni Estimi Finanzjarji 2023**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tal-Estimi finanzjarji tas-sena 2023 lis-Sindku u l-Kunsillieri. Hawn l-accountant tal-Kunsill spjegat il-Financial Statements lill-Kunsill.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 16.16

Is-Sindku ppropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements għas-sena 2023. Il-Viċi Sindku ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

**Approvazzjoni ir-Raba Kwart Financial Statements 2023**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tar-raba'*Quarterly Financial Statements* Q4 (Ottubru – Diċembru 2023) lis-Sindku u l-Kunsillieri. L-Accountant tal-Kunsill spjegat u fehmet ir-raba' kwart Q4 tal-Financial statements.Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-raba' kwart tal-Financial Statements għas-sena 2023. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker ssekondah. Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku kien skużat mil-laqgħa mill-16.24 sa 16.27

**2.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

2.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 1.2.10 (attivitajiet Kulturali) kien hemm xi update pero' kien ser jgħaddiha ma ħwejjeġ oħra.

2.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 1.3.6 (isem ġdid għal Parti li tagħti għal Salvu Cauchi) il-Kunsill kien issuġerixxa li tissemma' għal Filomenu Cachia. Huwa spjega li kien tkellem mal-familjari tiegħu li kienu qed jaċċettaw li tissemma għalih.

2.1.3 Is-Sindku spjega li ref punt 1.7 (Spi/Sci/1/2024 Skema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta) li ż-żewġ ikmamar li kien hemm fiċ-ċentru parrokkjali ma kinux jikkwalifikaw taħt din l-iskema, iżda fil-fratemp kien ikkunttatjah il-Kapillan bil-proposta li jsir ir-restawr tal-kappella li hemm fiċ-ċimiterju. Is-Sindku qal li l-kappella kien jinħtiġilha restawr xieraq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għal din l-iskema l-Kunsill kellu japplika sabiex isir ir-restawr tal-kappella li hemm fiċ-ċimiterju.

2.1.4 Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tal-LESA kienet ġiet sottomessa u issa l-Kunsill kellu jistenna risposta biex jara jekk hux ħa nibbenfikaw minn din l-iskema.

Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-wiċċ bit-terf tal-grawnd tal-futbol kienx ser isir mill-Club tal-futbol. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien irċieva proposta minn Zurrieq FC biex jidħlu bi sħab magħna imbagħad jekk 'il quddiem ikun hemm xi skema kellhom japplikaw huma jiġifieri Żurrieq FC. Is-Sindku spjega li din l-applikazzjoni kienet xi ħaġa totalment differenenti u l-Kunsill jibbenfika minn din l-iskema tal-LESA, il-Kunsill ikollu jħallas biss 20% tal-ispiża totali u l-Kunsill ma jkun marbut ma ħadd.

2.1.5 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk ref punt 1.2.7 (zebra crossing Triq San Pawl u Triq il-Karwija) kienx hemm xi żviluppi. Is-Sindku qal li waħda miż-żebra crossing cioe' dik ta' ħdejn l-ispiżerija kienet ġiet approvata minn Transport Malta pero' l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta rigward l-isleeping police ta' ħdejn iċ-ċimiterju u l-zebra crossing aktar 'lisfel.

2.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 1.2.11 (talba biex issir one way minn Ħal Far)il-minuti ma kinux jinftehmu uli l-Kunsill ma qabilx mas-suġġeriment li Triq it-Torri ta' Ġawhar issir One Way. Is-Sindku qal li huwa diġa' kien spjega lis-Sindku taż-Żurrieq rigward dan u kkonferma li s-Sindku taż-Żurrieq kellha tikkomunika mal-Viċi Sindku sabiex huwa jispjegalha bid-diversions proposti.

2.1.7 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ref punt 1.2.8 (mera Triq San Gwann) fit-traffic management phase 1 il-Kunsill kien qabel li Triq San Gwann ssir One way. Il-Kunsillier staqsa jekk it-traffic management kienx ħa jiġi mplimentat. Is-Sindku kkonferma li din kienet parti mit-traffic management pero' mhux taht Phase 1 u bhala Kunsill kien hemm qbil li din titressaq ma' phases ohra. Is-Sindku qal li rigward Phase 1 il-Kunsill kien għadu jistenna l-approvazzjoni minn naħa ta' Transport Malta. Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li jekk Triq San Gwann issir One way ma jkunx hemm il-bżonn ta' mera f'din l-akwata. Is-Sindku qal li meta marru fuq il-post sabu li bil-mera xorta ser ikun diffiċli tara min ikun ġej.

2.1.8 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ref punt 1.2.10 (reċta) ma kinitx ser issir għal issa iżda bejn Novembru u Diċembru 2024.

2.1.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li ref punt 1.3.5 is-Sibt ta' qabel il-laqgħa kienu saru l-logħob tradizzjonali għat tfal.

2.1.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk ref punt 1.2.6 (community police) jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta rigward id-distretti. Is-Sindku kkonferma li għalkemm waqt il-laqgħa mal-Kummissarju tal-Pulizija kien qal li l-kwistjoni tad-distretti kienet ser terġa' tiġi diskussa u t-talba li Safi, Kirkop u Mqabba jergghu jiġu mal-għassa taż-Żurrieq se tigi kkunsidrata. S'issa pero' il-Kunsill ma kienx għadu rċieva ebda risposta.

## 2.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

**2.2.1** Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 7 ta' Frar. 2024 kienu saru żewġ laqgħat, waħda mas-Segretarju Parlamentari Alison Zerafa Civelli fejn iltaqgħet mal-ħaddiema kollha tal-Kunsill u oħra mas-Segretarju Parlamentari Omar Farrugia. Is-Sindku spjega li l-Onorevoli Omar Farrugia issa kien responsabbli mill-Public Works u waqt l-istess laqgħa l-Kunsill kien iddiskuta l-possibbilta' ta' għajnuna f'ċerti proġetti.

2.2.2 Is-Sindku qal li wara l-laqgħa kien irċieva telefonata mill-Public Works għaliex kienu fil-proċess li joħorġu tender biex iwaħħlu poles tad-dawl b'solar panel magħhom. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kellu jidentifika post bħal bandli jew green area, fejn għandu bżonn li jiġi mdawwal u x-xogħol isir kollu spejjeż għal public works. Is-Sindku qal li l-ewwel idea tiegħu kienet Gnien Dun Karm Vella, pero' ma xtaqx li l-Kunsill jidentifika dan il-ġnien imbagħad ftit wara jkollhom jinqalgħu biex isir il-proġett. Il-Kunsill iddiskuta dan il-punt b'possibbilita' li nidentifikaw post ieħor ukoll u qabel li l-ewwel naraw x'tip ta' arbli ser jiprovdulna.

2.2.3 Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsillier is-Sur Mark Cocker u s-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa ma' Transport Malta minħabba t-*traffic management*. Is-Sindku spjega li Transport Malta kienu jaqblu fil-prinċipju tat-traffic management u li ser innaqqsu t-traffiku mill-pjazza, pero' kienu talbuna ftit żmien ieħor qabel jibagħtulna l-approvazzjoni minn naħa tagħhom għaliex bilfors kellu jiffirma s-CEO. Is-Sindku qal li Transport Malta kienu rċivew żewġ oġġezzjonijiet u li kienu qed jissuġerixxu li Triq Dun Karm Lia terġa tiġi two ways, pero' la l-Kunsill u lanqas Transport Malta ma kienu qed jaqblu ma dan is-suġġeriment.

**2.2.4** Is-Sindku qal li flimkien mal-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla, grupp mill-Parroċċa u persuni li kienu sa jieħdu ħsieb jorganizzaw l-Via Sagra, kienu attendew laqgħa mal-manager tal-Kultura tar-Reġjun. Is-Sindku spjega li r-Reġjun kien ser jagħti €10,000 li

għandhom jitqassmu mal-attivitajiet kollha ta' din is-sena. Is-Sindku qal li din is-sena l-Kunsill kien ser jorganizza dawn l-attivitajiet:

- Kunċert tal-Milied
- Festa Familja
- Attivita tal-orgni – Ġimgħa 12 ta' April, 2024
- Via Sagra – 25 ta' Marzu, 2024
- Reċta bejn Ottubru u Novembru 2024
- Ikla tal-Anzjani – l-ewwel Ħadd ta' Jannar 2025

Is-Sindku qal li l-Kappillan għamel talba għal *sound system* tajjeb għal waqt il Via Sagra għaliex is-sena l-oħra s-sound ma ħariġx tajjeb. Is-Sindku spjega li din il-proposta ġiet diskussa waqt l-istess laqgħa mal-manager tal-Kultura li kien qed jissuġġerixxi li minflok nikru l-audio għal waqt il-Via Sagra, is-*sound system* jinxtara mill-Kunsill li nkunu nistgħu nsellfuh għal waqt il-Via Sagra pero' jibqa' dejjem propjeta tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din il-proposta.

Is-Segretarju Eżekuttiv staqsiet jekk kienx hemm bżonn il-wardens għal waqt il-Via Sagra tal-25 ta' Marzu pero' s-Sindku kkonferma li ser ikun hemm il-preżenza tal-*community police*.

Is-Sindku qal li peress li l-attivita tal-orgni kienet ser tiġi ċċelebrata nhar il-Ġimgħa 12 ta' April, 2024, il-Kunsill seta' jabbinaha bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum Ħal Safi.

2.2.5 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill li r-Reġjun kien ser jerġa' jagħti €500 lill-Kunsilli li kienu ser jieħdu sehem f'World Book Day. Huwa qal li minħabba li World Book Day taħbat fix-xahar ta' April, u nhar is-Sibt 13 ta' April filgħodu kienet ser issir il-launch tal-Melitensia, il-Kunsill seta' jabbina l-attivita' għal World Book Day fl-istess ġurnata. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma dan is-suġġeriment.

2.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva reklam għalħarġa għall-Esplora. Huwa spjega li kien ċempel għal aktar dettalji u l-eqreb data available kienet dik ta' 14 ta' Mejju, 2024 bi slot ta' 50 persuna. Is-Sindku qal li l-prezz għall-istess ħarġa għandha tkun €1.50 li jinkludi ukoll l-entratura. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill iħallas t-trasport.

2.2.7 Is-Sindku qal li kienet ix-xewqa tiegħu li bejn April u Mejju jorganizza ġurnata kulturali Għawdex. Il-Kunsill iddiskuta l-postijiet fejn wieħed jista' jieħu grupp ta' nies ħafna minnhom anzjani.

2.2.8 Is-Sindku qal li kien reġa’ rċieva diversi lmenti minħabba r-roundabout tal-Karwija. Huwa qal li kien talab direzzjoni minn Transport Malta li kienu qed jissuġerixxu li ssir bħal roundabout li hemm tal-Balal. Is-Sindku għadda kopja tar-roundabout li hemm f’Tal Balal. Il-Kunsill iddiskutau qabel li għalkemm veru li mhux suppost li l-vetturi jitilgħu fuq il-parti li hija bil-konkos kienet tagħmel sens li din titnaqqas u minflok konkosisir tarmak. Il-Kunsill iddiskuta ukoll ir-roundabout li hemm f’Tal Balal u fuq suġġeriment tal-Viċi Sindku qabel li l-Kunsill jagħmel żewġ kurduni, waħda fuq barra baxxa ħafna filwaqt ftit il-ġewwa ssir kurduna ogħla minn dik ta’ barra. Is-Sindku qal li xorta kellna bżonn nieħdu suġġerimenti minn Perit u jekk il-Kunsll jaqbel nieħdu kwotazzjonijiet sabiex isiru x-xogħolijiet.

2.2.9 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba minghand il-Partit Laburista fejn kien qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill għall-użu tas-sala għal waħda mill-attivitajiet politiċi li jsiru nhar ta’ Ħadd filgħodu. Is-Sindku qal li jaf li s-sala qatt ma nkriet għal attivitajiet politiċi pero’ kien iċċekkja ma’ diversi Kunsilli oħra, fosthom il-Kunsilli Lokali tal-Fgura, tal-Mosta u tas-Siggiewi, li kkonfermaw li kienu qed jikru s-sala rispettiva tagħhom għall-attivatjiet politiċi wkoll. Is-Sindku qal li fil-fehma tiegħu l-Kunsill għandu jħalli lill-Prim Ministru u l-Kap tal-Oppożizzjoni (mhux il-kandidati) jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li ma kienx jaqbel ma dan u li l-Kunsill diġa’ kellu policy li s-sala tal-Kunsill ma tinkeriex għal attivitajiet politiċi. Huwa żied jgħid li jekk nikruha ser inkunu qed nidħlu fi preċident u jekk ma tkunx servili u timxi dritt ma taċċettax li tinkerha għal politikanti.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla ukoll ma qablitx li tinkera s-sala għall-ebda attivita partiġjana, tiġi mingħand min tiġi t-talba, hekk kif kien il-ftehim fil-Kunsill Lokali Ħal Safi, rigward l-uzu tas-sala. Il-binja tal-Kunsill Lokali Ħal Safi għandha tintuza sabiex isservi favur il-Ħalsafin, f'aspett ħolistiku ta' kommunita`.

Saret diskussjoni twila u s-Sindku ressaq għal vot li t-talba mill-Partit Laburista sabiex issir attivita’ politika l-Ħadd filgħodu biex jagħmel attivita’ politika għandha tiġi aċċettata u jekk partit politiku ieħor jagħmel l-istess talba din ukoll għandha tiġi aċċettata, minnghajr ebda distinzjoni u bl-istess kundizzjonijiet.

Il-Vot għadda bi tlett voti favur u tnejn kontra.

Il-Kunsillieri Publio Abdilla u Joanna Abdilla ħarġu mil-laqgħa 18.43.

**2.3 Twegibiet għall Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

**2.5 Approvazzjoni kwotazzjonijiet CCTV kameras**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kwotazzjonijiet sabiex isiru s-CCTV kameras madwar il-binja tal-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandha tintgħażel l-orħos kwotazzjoni.

**2.6 Kuntratt ġdid Cleaner/Kwotazzjoni xiri ta' Hand Plated Plates**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kuntratt tal-Cleaner kien skada u kien jinħtieġ li l-Kunsill joħroġ sejħa ġdida. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill joħroġ espressjoni ta' nteress fuq il-Gazzetta tal-Gvern.

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li minħabba l-Proġett tal-EU Promotion of Cultural Heritage peress li x-xiri tal-platti kien jaċċedi 5,000 kien jinħtieġ li l-Kunsill joħroġ kwotazzjoni fuq l-epps. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill joħroġ kwotazzjoni għax-xiri tal-istess platti.

Il-Kunsill iddiskuta ukoll l-evaluators għal din il-kwotazzjoni. Il-Kunsill qabel li s-Sindku jkun Chairperson filwaqt li il-Viċi Sindku, u l-Kunsilliera Publio Abdilla u Mark Cocker jkunu *evaluators.*

**2.7 Premju Mara 2023/2024**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsill kien irċieva nomina waħda għal Premju Mara 2023/2024. Il-Kunsill iddiskuta u qabel man-nomina u li għandna nibgħatu l-applikazzjoni lis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali.

**2.8 SPI/SCI/02/2024 Finanzjament Komunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Iskema SPI/SCI/02/2024 lill-Kunsillieri preżenti.Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill japplika sabiex isiru sezzjonijiet tal-aerobics fis-sala għall-anzjani b'xejn. Il-ViċiSindku ssekondah. Il-Kunsill qabel.

**2.9 SPI/SCI/03/2024 Inizjattiva Finanzjarja Lokalitajiet Aktar Nodfa**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Iskema SPI/SCI/03/2024 lill-Kunsillieri kollha. Hija qalet li din l-iskema l-Kunsill seta' japplika għal din l-inizjattiva jew individwalment bħala Kunsill jew inkella napplikaw flimkien mar-Reġjun tagħna.

Is-Sindku ssuġġerixxa li bħas-sena li għaddiet nerġgħu nieħdu sehem f'din l-inizjattiva u li nagħmluha flimkien mar-Reġjun tagħna. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nnaddfu l-areas rurali li mhumiex milħuqa mill-kennies jiġifieri l-area tal-Ħlantun u l-area Ta' Ġawhar u qabel ukoll li napplikaw flimkien mar-Reġjun Punent.

**2.10 SPI/SCI/04/2024 Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern.**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Iskema Spi/Sci/04/2024 lill-Kunsillieri. Hija qalet li bħal snin oħra l-Kunsill ma setax jibbenfika minn din l-iskema għaliex il-proġetti li saru mill-Gvern Ċentrali mis-sena 2013 'l hawn ma kienx jidher li għandhom bżonn ta' manutenzjoni.

**2.11 SPI/SCI/Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali u Natalizji 2024/2025**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet l-Iskema SPI/SCI/05/2024 lill-Kunsillieri. Is-Sindku qal li għal din l-iskema l-Kunsill seta' jerġa' japplika biex nerġgħu norganizzaw Festa Familja għal darba oħra. Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk din is-sena hux ser norganizzaw Festa Qamar il-Għasel. Is-Sindku kkonferma li normalment Festa Qamar il-Għasel nagħmluha fis-7 ta' Ġunju, u peress li din is-sena jaħbtu l-elezzjonijiet ma kinitx tagħmel sens li nagħmlu attivita' f'dawn iż-żminijiet. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li anki din is-sena l-Kunsill japplika biex nerġgħu norganizzaw Festa Familja aktar u aktar meta nafu li kienet suċċess enormi.

**2.12 Jum Ħal Safi**

2.12.1 World Book Day u l-Launch tal-Melitensia fil-Librerija Pubblika

Is-Sindku qal li l-WorldBookDay u l-Launch tal-Melitensia fil-Librerija Pubblika ser isir f'daqqa nhar is-Sibt 13 ta' April, 2024 bejn 9am u nofsinhar.

2.12.2 Premju Onorifiċenza

Il-Kunsill iddiskuta s-Serata tas-Sibt 13 ta' April, meta ser jingħata l-Premju għal Ġieħ Ħal Safi. Il-Kunsill qabel li ġej:

Il-Membri tal-Bord għal Premju:

| | |
|---|---|
| Tarcisio Barbara bħala Chairperson | Alfred Curmi |
| Edwin Abdilla | William Grech |
| Paul Callus | Jimmy Busuttil |
| Eddie Bonello | Gillian Bonello |
| Angela Zammit | Pauline Zammit |
| | Marvic Sciberras |

2.12.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-ħin tal-quddiesa ta' radd il-Ħajr tal-Ħadd nikkonsultaw mal-Kappillan sabiex naraw x'ħin ser tkun iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa.

Il-Kunsill qabel ukoll li bħala *compere* nerġgħu ngħidu lil Ms Claire Zammit.

**2.13 Korrispondenza**

Saret diskussjoni fuq xi items mill-korrispondenza.

**2.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**2.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-7.29pm. Il-Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 13 ta' Marzu, 2024 fl-4:00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv

**1.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament.

**1.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fit-7.29pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa13 ta' Marzu, 2024 fl-4:00pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Johan Mula<br>Sindku | Doris Baldacchino<br>Segretarju Eżekuttiv |